Foundation for
Information Technology Accessibility

*Gattard House,*
*National Road,*
*Blata l-Bajda*
*HMR 9010*
*Malta*

# Maltese Speech Synthesiser Launch - Video Transcript

| |
|---|
| **Narrator:** "Illum qed ngħixu f'dinja diġitali – t-teknoloġija daħlet f'kull qasam tas-soċjeta' u tal-ekonomija. Il-kompjuters, l-Internet u l-firxa wiesa' tal-ICT qed ibidlu kemm kif ngħixu, kif naħdmu u kif inqatgħu l-ħin liberu tagħna.<br><br>Għaldqastant huwa importanti aktar minn qatt qabel li ma nħallu lil ħadd jaqa' lura. Il-FITA, għadha kif nediet softwer ġdid li kapaċi jaqra kitba minn fuq il-kompjuter bil-lingwa Maltija." |
| **Stanley Debono - CEO, FITA:** "Il-Maltese Speech Engine huwa softwer li jaqra kitba bil-Malti minn fuq il-kompjuter bi pronunzja korretta. Fis-suq jeżistu bosta speech engines pero ebda minnhom ma taqra l-ilsien Malti tajjeb. Għalhekk żviluppajna dan is-softwer għal kull min juża l-ilsien Malti imma għandu diffikulta biex jaqra. Dan is-softwer jista' jbiddel il-ħajja ta' ħafna nies biex joperaw b'mod effiċjenti bħal ħaddieħor fl-iskola, fuq il-post tax-xogħol u oqsma oħrajn." |
| **Narrator:** "Qabel dan is-softwer, kull kitba bil-Malti fuq il-kompjuters setgħet tinqara biss minn Speech Engines mgħamula għal-lingwa Ingliża, bi pronunzja Ingliża, bħal kif se nisimgħu f'dan l-eżempju."<br><br>*(Maltese Text read with the English speech engine)*<br><br>**Narrator:** "Issa, permezz tal-Maltese Speech Engine, l-istess kitba tinstema ferm aktar ċara u bi pronunzja Maltija, hekk kif se nisimgħu f'dan l-eżempju."<br><br>*(Maltese Text read with the Maltese speech engine)* |
| **Narrator:** "Dan is-softwer huwa ukoll ta' għajnuna għal studenti li minħabba raġunijiet varji isibuha aktar faċli li jisimgħu t-test bil-kompjuter." |
| **Narrator:** "L-avvanzi fit-teknoloġija ġabu magħhom opportunitajiet ġodda għal nies b'abilitajiet differenti. Dawn issa jistgħu jkunu aktar indipendenti u integrati – mhux biss fil-ħajja personali tagħhom iżda ukoll fuq il-post tax-xogħol. Permezz tal-Maltese Speech Engine, persuni li huma nieqsa mid-dawl jistgħu jiktbu u jaqraw emajls u dokumenti oħrajn bil-Malti permezz tal-kompjuter." |
| **Narrator:** "Is-softwer mhuwiex ta' għajnuna għal nies b'diżabilita' biss; iżda ukoll għal persuni oħra fis-soċjeta, bħal l-anzjani, li jużgħu l-kompjuter u l-Internet biex isegwu l-aħbarijiet, jaqraw kotba u dokumenti oħra, jew ifittxu xi informazzjoni onlajn." |

*Fax: (356) 2599 2048; Website: http://www.fitamalta.eu*
*Mr. Stanley Debono: (356) 2599 2048; Email: stanley.debono@gov.mt*
*Mr. Michael Micallef: (356) 2599 2343; Email: michael.micallef@gov.mt*

| |
|---|
| **Narrator:** "Il-Maltese Speech Engine huwa idejali għal kull min irid juża l-kompjuter sabiex jaqra kwalunkwe test bil-lingwa Maltija. Dan is-softwer huwa ta' benefiċċju għal persuni b'diffikulta ta' mobilita', dawk li ma jistgħux iżommu ktieb jew gazzetta f'idejhom, persuni neqsin mid-dawl jew bi problemi ta' viżta, persuni b'diżabilta intelletwali, u persuni illitterati, dawk b'dyslexia u dawk li għandhom diffikultajiet oħra ta' qari u anki anzjani li jgħajjew jaqraw fit-tul.<br><br>Dan is-softwer huwa aċċessibli b'xejn minn fuq il-websajt tal-FITA, www.fitamalta.eu" |
| **Narrator:** "Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea." |
| **Narrator:** "Atturi li dehru fil-vidjo: Jade Houghton, Michael Micallef, Grace Mifsud u Ray Mifsud. Il-vidjo kien miġbud għand Satariano Home" |

*Fax: (356) 2599 2048; Website: http://www.fitamalta.eu*
*Mr. Stanley Debono: (356) 2599 2048; Email: stanley.debono@gov.mt*
*Mr. Michael Micallef: (356) 2599 2343; Email: michael.micallef@gov.mt*